2024/2855

8.11.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2855**

**tal-5 ta' Novembru 2024**

**li taħtar membru propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/2679 ([2]), li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Katrin KRAUSE sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Estonjan ippropona, abbażi ta' mandat nazzjonali differenti, lis-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Harku Vallavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Harku), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sa Katrin KRAUSE, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Harku Vallavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill tal-Muniċipalità Rurali ta' Harku) (bidla tal-mandat), hija b'dan maħtura bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

VARGA M.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2679 tas-27 ta' Novembru 2023 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L, 2023/2679, 29.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2679/oj).